# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 162

Volum 59

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni — 21 ta' Ġunju 2016


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/983 tal-20 ta' Ġunju 2016 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 234/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/984 tas-7 ta' Ġunju 2016 li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Krupnioki śląskie (IĠP))** ........ 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/985 tas-7 ta' Ġunju 2016 li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Agneau de Pauillac (IĠP))** ........ 4

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/986 tat-13 ta' Ġunju 2016 li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Γλυκό Τριαντάφυλλο Αγρού (Glyko Triantafyllo Agrou) (IĠP)]** 5

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/987 tal-20 ta' Ġunju 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 6

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/988 tal-20 ta' Ġunju 2016 li jistipula l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2016 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 442/2009 fis-settur tal-laħam tal-majjal ........ 8


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni (UE) 2016/989 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni minn Franza — EGF/2015/010 FR/MoryGlobal)** ........ 10


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni (UE) 2016/990 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata mill-Greċja — EGF/2015/011 GR/Supermarket Larissa)** ..................................... 12

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/991 tad-9 ta' Ġunju 2016 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni** ..................................... 14

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/992 tas-16 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fir-rigward ta' Sri Lanka** ..................................... 15

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 tal-20 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA)** ..................................... 18

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/994 tal-20 ta' Ġunju 2016 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja** ..................................... 21

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/995 tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.24571 — 2009/C (ex C 1/09, ex NN 69/08) mogħtija mill-Ungerija lil MOL Nyrt.** *(notifikata bid-dokument C(2015) 7324)* [1] ..................................... 22

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2016/983

**tal-20 ta' Ġunju 2016**

**li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 234/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/994 tal-20 ta' Ġunju 2016 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Mejju 2016, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, bir-Riżoluzzjoni 2288 (2016), iddeċieda li jtemm, b'effett immedjat, l-embargo fuq l-armi fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Liberja.

(2) Fl-20 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/994 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja.

(3) Hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 234/2004 ([2]) huwa mħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Ara paġna 21 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali..
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 234/2004 tal-10 ta' Frar 2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1030/2003 (ĠU L 40, 12.2.2004, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/984

## tas-7 ta' Ġunju 2016

## li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Krupnioki śląskie (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-applikazzjoni tal-Polonja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Krupnioki śląskie" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) skont l-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Krupnioki śląskie" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Krupnioki śląskie" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 67, 20.2.2016, p. 17.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/985

## tas-7 ta' Ġunju 2016

## li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Agneau de Pauillac (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Agneau de Pauillac" irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 ([2]) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 637/2004 ([3]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-Ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda għall-Ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* rigward id-denominazzjoni "Agneau de Pauillac" (IĠP) hija approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar l-iskrizzjoni ta' ċerti ismijiet fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjoni tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel (ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 637/2004 tal-5 ta' April 2004 li jissupplimenta l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' ċerti denominazzjonijiet fir-"Reġistru ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" (Agneau de Pauillac u Agneau du Poitou-Charentes) (ĠU L 100, 6.4.2004, p. 31.)

([4]) ĠU C 61, 17.2.2016, p. 26.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/986**

**tat-13 ta' Ġunju 2016**

**li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Γλυκό Τριαντάφυλλο Αγρού (Glyko Triantafyllo Agrou) (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni ta' Ċipru għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Γλυκό Τριαντάφυλλο Αγρού" (Glyko Triantafyllo Agrou) ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Γλυκό Τριαντάφυλλο Αγρού" (Glyko Triantafyllo Agrou) għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Γλυκό Τριαντάφυλλο Αγρού" (Glyko Triantafyllo Agrou) (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-Klassi 2.3. Ħobż, għaġina, kejkijiet, ħelu, gallettini u prodotti oħra tal-furnara tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) ĠU C 52, 11.2.2016, p. 19.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/987**

**tal-20 ta' Ġunju 2016**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 132,7 |
| | ZZ | 132,7 |
| 0709 93 10 | TR | 137,2 |
| | ZZ | 137,2 |
| 0805 50 10 | AR | 169,4 |
| | BR | 92,5 |
| | MA | 179,9 |
| | TR | 151,6 |
| | UY | 147,6 |
| | ZA | 174,3 |
| | ZZ | 152,6 |
| 0808 10 80 | AR | 117,9 |
| | BR | 88,5 |
| | CL | 125,6 |
| | CN | 66,5 |
| | NZ | 156,7 |
| | SA | 114,4 |
| | US | 120,4 |
| | ZA | 115,7 |
| | ZZ | 113,2 |
| 0809 10 00 | TR | 265,2 |
| | ZZ | 265,2 |
| 0809 29 00 | TR | 389,4 |
| | ZZ | 389,4 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | TR | 143,1 |
| | ZZ | 143,1 |
| 0809 40 05 | TR | 180,1 |
| | ZZ | 180,1 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/988**

**tal-20 ta' Ġunju 2016**

**li jistipula l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2016 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 442/2009 fis-settur tal-laħam tal-majjal**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tal-majjal. Il-kwoti li jidhru fl-Anness I, il-parti B tar-Regolament imsemmi huma amministrati skont il-metodu tal-eżami simultanju.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Ġunju 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat 30 ta' Settembru 2016 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jixraq li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 442/2009, li għandhom jiżdiedu mas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2016, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 tas-27 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tal-majjal (ĠU L 129, 28.5.2009, p. 13).

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2016 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4038 | 8 516 250 |
| 09.4170 | 1 230 500 |
| 09.4204 | 1 156 000 |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE) 2016/989 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-8 ta' Ġunju 2016**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni minn Franza — EGF/2015/010 FR/MoryGlobal)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([2]), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lill-persuni li jaħdmu għal rashom u li l-attività tagħhom tkun intemmet minħabba bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji kkawżati mill-globalizzazzjoni, jew minħabba l-issoktar tal-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija, jew minħabba kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u biex jgħinhom biex jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ([3]).

(3) Fid-19 ta' Novembru 2015, Franza ressqet l-applikazzjoni EGF/2015/010 FR/MoryGlobal għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li ngħataw is-sensji mill-MoryGlobal SAS fi Franza. Din kienet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

(4) Għaldaqstant, il-FEG għandu jiġi mobilizzat biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 5 146 800 għall-applikazzjoni ppreżentata minn Franza.

(5) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien biex jiġi mobilizzat il-FEG, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jagħti s-somma ta' EUR 5 146 800 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
([2]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din għandha tapplika mit-8 ta' Ġunju 2016.

Magħmula fi Strasburgu, 8 ta' Ġunju 2016,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A.G. KOENDERS |

**DEĊIŻJONI (UE) 2016/990 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-8 ta' Ġunju 2016**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata mill-Greċja — EGF/2015/011 GR/Supermarket Larissa)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([2]), u b'mod partikolari l-Punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun intemmet b'riżultat ta' bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat tal-issoktar tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ([3]).

(3) Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Greċja ressqet l-applikazzjoni FEG/2015/011 GR/Supermarket Larissa għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li ngħataw is-sensji fis-Supermarket Larissa ABEE fil-Greċja. Din kienet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

(4) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, il-Greċja ddeċidiet li tipprovdi wkoll servizzi personalizzati kkofinanzjati mill-FEG lil 543 żagħżugħ u żagħżugħa barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs).

(5) Għaldaqstant, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 6 468 000 għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Greċja.

(6) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
([2]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni huwa mobilizzat biex jagħti s-somma ta' EUR 6 468 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din għandha tapplika mit-8 ta' Ġunju 2016.

Magħmul fi Strasburgu, it-8 ta' Ġunju 2016

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A.G. KOENDERS |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/991

## tad-9 ta' Ġunju 2016

## li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Nhar id-9 ta' Ottubru 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1915 ([4]), is-Sur Esteban MAS PORTELL ġie sostitwit mis-Sur Marc PONS i PONS bħala membru supplenti.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Marc PONS i PONS, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sinjura Pilar COSTA i SERRA, *Consejera de Presidencia del Gobierno de las Islas Baleares*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G.A. VAN DER STEUR

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1915 tad-9 ta' Ottubru 2015 li taħtar żewġ membri Spanjoli u tliet membri supplenti Spanjoli fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 280, 24.10.2015, p. 26)

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/992**

**tas-16 ta' Ġunju 2016**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fir-rigward ta' Sri Lanka**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

1. INTRODUZZJONI

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

(2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jistabbilixxi l-proċedura fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx u l-proċeduri politiċi fir-rigward ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, u jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, il-proċedura għat-tneħħija mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, u jipprovdi għall-pubblikazzjoni tal-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx u kull miżura ta' emerġenza.

(3) F'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, permezz tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012 ([2]) ('id-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012'), il-Kummissjoni nnotifikat tmien pajjiżi terzi dwar il-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li l-Kummissjoni qieset bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx. Fost dawk il-pajjiżi kien hemm ir-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka.

(4) Fid-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni inkludiet informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsostnu dik il-possibbiltà.

(5) Ukoll fil-15 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni nnotifikat lit-tmien pajjiżi terzi permezz ta' ittri separati li hija kienet qiegħda tikkonsidra l-possibbiltà li tidentifikahom bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx. Is-Sri Lanka kienet fost dawk il-pajjiżi.

(6) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/715/UE ([3]), il-Kummissjoni identifikat lis-Sri Lanka bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, il-Kummissjoni ddikjarat ir-raġunijiet li għalihom qieset li s-Sri Lanka naqset milli taqdi dmirijietha taħt id-dritt internazzjonali, bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, li tieħu azzjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU.

([1]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 dwar in-notifika lill-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis bħala possibbli li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU C 354, 17.11.2012, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/715/UE tal-14 ta' Ottubru 2014 li tidentifika pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li huwa pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 297, 15.10.2014, p. 13).

(7) F'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/200 ([1]), emenda l-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU billi żied fiha s-Sri Lanka.

(8) Konsegwentement għal dik l-emenda, il-Kummissjoni offriet l-opportunità lis-Sri Lanka biex tkompli d-djalogu f'konformità mar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1005/2008. Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li hija qieset neċessarja, inklużi kummenti bil-fomm u bil-miktub, bil-għan li tagħti lis-Sri Lanka l-opportunità biex tirrettifika s-sitwazzjoni li wasslet għall-elenkar tagħha, u biex tieħu miżuri konkreti li jistgħu jwasslu għar-rimedjar tan-nuqqasijiet li ġew identifikati. Dak il-proċess irriżulta fir-rikonoxximent mill-Kummissjoni li s-Sri Lanka rrettifikat is-sitwazzjoni u ħadet azzjoni ta' rimedju.

(9) F'konformità mal-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, il-Kunsill għandu għaldaqstant jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE ([2]) billi jneħħi lis-Sri Lanka mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx.

(10) Mal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni li tneħħi lis-Sri Lanka mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/715/UE li tidentifika lis-Sri Lanka bħala pajjiż terz li ma jikkooperax ma għandhiex tibqa' rilevanti.

## 2. IT-TNEĦĦIJA TAS-SRI LANKA MIL-LISTA TA' PAJJIŻI TERZI LI MA JIKKOOPERAWX

(11) Konsegwentement għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/715/UE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/200, il-Kummissjoni kompliet id-djalogu tagħha mas-Sri Lanka. B'mod partikolari, is-Sri Lanka tidher li implimentat l-obbligi tagħha taħt id-dritt internazzjonali u adottat qafas legali adegwat biex tiġġieled kontra s-sajd IUU. Hija introduċiet skema adegwata u effiċjenti ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni billi introduċiet ġurnali ta' abbord biex tiġi reġistrata dejta dwar il-qbid, flimkien ma' sinjali tas-sejħa tar-radju għall-bastimenti tas-sajd u armat il-flotta kollha tal-ibħra miftuħa b'Sistema għall-Monitoraġġ tal-Bastimenti ("VMS", *Vessel Monitoring System*). Hija wkoll ħolqot sistema ta' sanzjonijiet ta' deterrent, irrevediet il-qafas legali tagħha dwar is-sajd u żgurat l-implimentazzjoni korretta tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni tal-qbid. Barra minn hekk, is-Sri Lanka kompliet ittejjeb il-konformità tagħha mal-obbligi internazzjonali tagħha, inklużi dawk derivanti minn riżoluzzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd ("RFMO", *Regional Fisheries Management Organisations*), bħal miżuri ta' Kontroll mill-Istat tal-Port u t-traspożizzjoni tar-regoli tal-RFMO fil-liġi tas-Sri Lanka u adottat Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tagħha stess kontra s-sajd IUU, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti kontra s-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat.

(12) Il-Kummissjoni rrivediet il-qagħda tal-konformità tas-Sri Lanka mal-obbligi internazzjonali tagħha bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq skont il-konklużjonijiet fid-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2012, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/715/UE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/200, u skont informazzjoni rilevanti pprovduta mis-Sri Lanka. Hija qieset ukoll il-miżuri meħuda biex tiġi rettifikata s-sitwazzjoni kif ukoll il-garanziji pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti tas-Sri Lanka.

(13) Il-Kummissjoni kkonkludiet, abbażi ta' dak li ssemma hawn fuq, li l-azzjonijiet meħudin mis-Sri Lanka fid-dawl tad-dmirijiet tagħha bħala Stat tal-bandiera huma suffiċjenti biex tkun konformi mal-Artikoli 94, 117 u 118 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar u mal-Artikoli 18, 19, 20 u 23 tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-elementi mressqa mis-Sri Lanka juru li s-sitwazzjoni li wasslet biex is-Sri Lanka tiġi inkluża fil-lista ġiet irrettifikata u li s-Sri Lanka ħadet miżuri konkreti li jistgħu jwasslu għal titjib dejjiemi tas-sitwazzjoni.

(14) Fid-dawl ta' dawk iċ-ċirkostanzi kollha u skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, il-Kunsill għandu jikkonkludi li s-Sri Lanka għandha titneħħa mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

(15) Din id-Deċiżjoni ma tipprekludi ebda pass sussegwenti li jista' jittieħed mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, skont il-Kapitolu VI tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, f'każ li xi elementi fattwali kellhom jiżvelaw li s-Sri Lanka naqset milli taqdi d-dmirijiet li hija għandha taħt id-dritt internazzjonali, bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, li tieħu azzjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU.

---

([1]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/200 tas-26 ta' Jannar 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fir-rigward tas-Sri Lanka (ĠU L 33 10.2.2015, p. 15).

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/170/UE tal-24 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir- Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 43).

(16) Fid-dawl tal-konsegwenzi negattivi kkawżati mill-inklużjoni fil-lista bħala pajjiż terz li ma jikkooperax, jeħtieġ li b'effett immedjat is-Sri Lanka titneħħa mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sri Lanka titneħħa mill-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L.F. ASSCHER

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/993**

**tal-20 ta' Ġunju 2016**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 ([1]).

(2) Fit-23 ta' Mejju 2016, il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA, laqa' r-rieda espressa mill-President tal-Kunsill Presidenzjali tal-Gvern Libjan ta' Kunsens Nazzjonali li jikkoopera mal-Unjoni abbażi ta' dawk il-konklużjonijiet, aċċetta li jestendi l-mandat tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA b'sena u, filwaqt li jinżamm il-fokus fuq il-mandat prinċipali tagħha, li jżid żewġ kompiti ta' sostenn ulterjuri:

— tisħiħ tal-kapaċitajiet u taħriġ ta', u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma', il-Gwardja Kostali u l-Flotta Navali Libjani, abbażi ta' talba mill-awtoritajiet Libjani leġittimi filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa għal sjieda Libjana;

— kontribut għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-embargo tal-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja abbażi ta' Riżoluzzjoni ġdida tal-Kunsill tas-Sigutà tan-NU.

(3) Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti impona, immodifika u afferma mill-ġdid embargo tal-armi fuq il-Libja permezz tar-Riżoluzzjonijiet tiegħu (UNSCR) 1970 (2011), 1973 (2011), 2009 (2011), 2040 (2012), 2095 (2013), 2144 (2014), 2174 (2014), 2213 (2015), 2214 (2015) u 2278 (2016).

(4) Fl-14 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni UNSCR 2292 (2016) dwar l-embargo tal-armi fuq il-Libja filwaqt li esprima b'mod partikolari t-tħassib tiegħu li s-sitwazzjoni fil-Libja qed tiħżien bil-kuntrabandu ta' armi illegali u materjal relatat.

(5) Il-Kunsill jemfasizza l-urġenza għall-bidu tal-implimentazzjoni operazzjonali taż-żewġ kompiti ta' sostenn qabel it-tmiem tal-mandat inizjali tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA.

(6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(1) huwa sostitwit minn dan li ġej:

"1. L-Unjoni għandha tmexxi operazzjoni militari ta' maniġġar ta' kriżi li tikkontribwixxi biex tisfratta l-mudell kummerċjali tan-netwerks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u traffikar ta' bnedmin fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFORMED operazzjoni SOPHIA), billi twettaq sforzi sistematiċi għall-identifikazzjoni, il-qbid u r-rimi ta' bastimenti u assi użati jew suspettati li qed jintużaw mill-faċilitaturi tad-dħul klandestin u mit-traffikanti, f'konformità mad-dritt internazzjonali applikabbli, inkluż l-UNCLOS u kwalunkwe Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Għal dak il-għan, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tipprovdi wkoll taħriġ lill-Gwardja Kostali u l-Flotta Navali Libjani. Barra minn hekk, l-operazzjoni għandha tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-armi fiż-żona tal-operazzjoni miftiehma tagħha f'konformità mal-UNSCR 1970 (2011) u Riżoluzzjonijiet sussegwenti dwar l-embargo tal-armi fuq il-Libja, inkluż UNSCR 2292 (2016).";

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (ĠU L 122, 19.5.2015, p. 31).

(2) Fl-Artikolu 2(2), l-ewwel sentenza hija sostitwita minn dan li ġej:

"Fir-rigward tal-kompiti prinċipali tagħha relattivament għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u t-traffikar tal-bnedmin, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha titmexxa f'fażijiet sekwenzjali, u f'konformità mar-rekwiżiti tad-dritt internazzjonali.";

(3) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 2a*

**Tisħiħ tal-kapaċitajiet u taħriġ tal-Gwardja Kostali u l-Flotta Navali Libjani**

1. Bħala kompitu ta' sostenn, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tassisti fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u fit-taħriġ tal-Gwardja Kostali u l-Flotta Navali Libjani fil-kompiti ta' infurzar tal-liġi fuq il-baħar, b'mod partikolari biex jipprevjenu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u t-traffikar tal-bnedmin.

2. Meta l-KPS jiddeċiedi li jkunu saru t-tħejjijiet meħtieġa, partikolarment fir-rigward tal-ġenerazzjoni tal-forzi u l-proċeduri għall-eżami ta' dawk li jitħarrġu, il-kompitu ta' sostenn imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitwettaq fl-ibħra miftuħa fiż-żona tal-operazzjoni miftiehma, kif definita fid-dokumenti rilevanti tal-ippjanar, tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA.

3. Il-kompitu ta' sostenn imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jitwettaq ukoll fit-territorju, inklużi l-ibħra territorjali, tal-Libja jew ta' Stat terz ospitanti viċin tal-Libja fejn il-KPS jiddeċiedi hekk wara valutazzjoni mill-Kunsill fuq il-bażi ta' stedina mil-Libja jew mill-Istat ospitanti kkonċernat, u f'konformità mad-dritt internazzjonali.

4. Fid-dawl tar-rekwiżiti operazzjonali eċċezzjonali, parti mill-kompitu ta' sostenn imsemmi fil-paragrafu 1 tista' titwettaq, fuq stedina, fi Stat Membru, inkluż f'ċentri ta' taħriġ rilevanti.

5. Sa fejn ikun meħtieġ għall-kompitu ta' sostenn imsemmi fil-paragrafu 1, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tista' tiġbor, taħżen u tikkondividi mal-Istati Membri, l-UNSMIL, l-EUROPOL u l-Frontex l-informazzjoni, inkluża data personali, miġbura għall-fini tal-proċeduri għall-eżami ta' dawk bil-possibbiltà li jitħarrġu, dment li dawn ikunu taw il-kunsens tagħhom bil-miktub. Barra minn hekk, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tista' tiġbor u taħżen l-informazzjoni medika u d-data bijometrika meħtieġa dwar dawk li jitħarrġu bil-kunsens bil-miktub tagħhom.

*Artikolu 2b*

**Kontribut għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-implimentazzjoni tal-embargo tal-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja**

1. Bħala parti mill-kompitu ta' sostenn tagħha biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo tal-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tiġbor u tikkondividi informazzjoni ma' sħab u aġenziji rilevanti permezz tal-mekkaniżmi fid-dokumenti tal-ippjanar sabiex tikkontribwixxi għal għarfien tas-sitwazzjoni marittima komprensiva fiż-żona tal-operazzjoni miftiehma kif definita fid-dokumenti rilevanti tal-ippjanar. Fejn tali informazzjoni tkun klassifikata sal-livell ta' 'RESTREINT UE/EU RESTRICTED', din tista' tiġi kondiviża mas-sħab u aġenziji rilevanti f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE u abbażi ta' Arranġamenti konklużi bejn ir-RGħ u dawk is-sħab, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tar-reċiproċità u l-inklużività. L-informazzjoni klassifikata riċevuta għandha tiġi trattata mill-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA mingħajr ebda distinzjoni bejn il-persunal tagħha u unikament fuq il-bażi ta' rekwiżiti operazzjonali.

2. Meta l-KPS jiddeċiedi li jkunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet rilevanti, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tibda, fiż-żona tal-operazzjoni miftiehma, kif definita fid-dokumenti rilevanti tal-ippjanar, fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja, bl-ispezzjonijiet ta' bastimenti li jkunu sejrin lejn il-Libja jew ġejjin mil-Libja fejn hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li tali bastimenti qed iġorru armi jew materjal relatat lejn, jew minn, il-Libja, direttament jew indirettament bi ksur tal-embargo tal-armi fuq il-Libja u għandha tieħu l-azzjoni rilevanti bil-għan li taqbad u tiddisponi minn tali oġġetti, inkluż bil-ħsieb li titbiddel ir-rotta ta' tali bastimenti u l-ekwipaġġi tagħhom lejn port adatt biex tiġi ffaċilitata tali dispożizzjoni, bil-kunsens tal-Istat tal-port, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluża l-UNSCR 2292 (2016).

3. F'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluża l-UNSCR 2292 (2016), l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tista', matul l-ispezzjonijiet imwettqa f'konformità mal-paragrafu 2, tiġbor evidenza direttament relatata mal-ġarr ta' oġġetti pprojbiti taħt l-embargo tal-armi fuq il-Libja. Hija tista' tibgħat tali evidenza lill-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u/jew il-korpi kompetenti tal-Unjoni.";

(4) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa sostitwit minn dan li ġej:

"2. Għall-perijodu mit-18 ta' Mejju 2015 sas-27 ta' Lulju 2016, l-ammont ta' referenza għall-ispejjeż komuni tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandu jkun ta' EUR 11,82 miljun. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 għandu jkun ta' 70 % f'impenji u 40 % għal pagamenti.";

(5) Fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Għall-perijodu mit-28 ta' Lulju 2016 sas-27 ta' Lulju 2017, l-ammont ta' referenza għall-ispejjeż komuni ta' EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandu jkun ta' EUR 6 700 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 għandu jkun ta' 0 % f'impenji u 0 % għal pagamenti.";

(6) Fl-Artikolu 12, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3a. F'każ ta' bżonn operazzjonali speċifiku, ir-RGħ hija awtorizzata tirrilaxxa lill-awtoritajiet Libjani leġittimi kwalunkwe informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" iġġenerata għall-finijiet tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE. Għandhom jitfasslu arranġamenti għal dan l-iskop bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libja.";

(7) Fl-Artikolu 13, it-tieni paragrafu huwa sostitwit minn dan li ġej:

"L-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tintemm fis-27 ta' Lulju 2017.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/994

## tal-20 ta' Ġunju 2016

## li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi kontra l-Liberja li pprevedew embargo fuq l-armi.

(2) Fil-25 ta' Mejju 2016, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta l-UNSCR 2288 (2016) fir-rigward tal-Liberja, li ttemm, b'effett immedjat, il-miżuri dwar l-armi preċedentement stipulati fil-paragrafu 2 tal-UNSCR 1521 (2003) u mmodifikati mill-paragrafi 1 u 2 tal-UNSCR 1683 (2006), mill-paragrafu 1(b) tal-UNSCR 1731 (2006), mill-paragrafi 3, 4, 5 u 6 tal-UNSCR 1903 (2009), mill-paragrafu 3 tal-UNSCR 1961 (2010) u mill-paragrafu 2(b) tal-UNSCR 2128 (2013).

(3) Il-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK għandha għalhekk titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK hija mħassra.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

---

([1]) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/109/PESK tat-12 ta' Frar 2008 dwar miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja (ĠU L 38, 13.2.2008, p. 26).

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/995

## tas-26 ta' Ottubru 2015

## dwar l-għajnuna mill-Istat SA.24571 — 2009/C (ex C 1/09, ex NN 69/08) mogħtija mill-Ungerija lil MOL Nyrt.

*(notifikata bid-dokument C(2015) 7324)*

**(It-test bl-Ungeriż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni ddeċidiet li tniedi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-għajnuna SA.24571 (ex C-1/09, ex NN 69/08) ([1]),

Wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq, u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

### 1. **SFOND**

#### 1.1. **Miżuri Kkonċernati**

(1) Ir-regoli ġenerali li jirregolaw l-attivitajiet tal-estrazzjoni minerarja fl-Ungerija huma stabbiliti fl-Att dwar il-Minjieri ([2]) tal-1993 ("l-Att dwar il-Minjieri"). L-Att dwar il-Minjieri jiddistingwi l-attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja eżerċitati fuq il-bażi ta' żewġ strumenti ġuridiċi differenti: (i) il-konċessjoni ([3]) u (ii) l-awtorizzazzjoni ([4]). Fiż-żewġ każijiet, l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali hija soġġetta għal tariffa ta' estrazzjoni minerarja pagabbli lill-Istat li tikkostitwixxi persentaġġ tal-valur tal-minerali estratti.

(2) L-Att dwar il-Minjieri jistipula li meta kumpanija tal-minjieri li tkun kisbet l-awtorizzazzjoni ta' estrazzjoni minerarja ma tibdiex l-estrazzjoni fi żmien ħames snin mid-data tal-awtorizzazzjoni, id-dritt ta' estrazzjoni minerarja jittieħed. Madankollu, skont it-Taqsima 26/A (5) tal-Att dwar il-Minjieri, din l-iskadenza tista' tiġi estiża bi ftehim bejn l-awtorità tal-minjieri u l-kumpanija tal-minjieri. F'każ bħal dan, il-kumpanija tal-minjieri għandha tħallas tariffa li tkun ogħla mit-tariffa applikata fiż-żmien tal-applikazzjoni oriġinali iżda mhux iktar minn 1,2 darba mil-livell oriġinali.

(3) Hungarian Oil & Gas Plc (*Magyar Olaj- és Gázipari Nyrt.*; "MOL") akkwistat diversi awtorizzazzjonijiet għall-estrazzjoni tal-idrokarburi. Billi MOL ma bdietx l-estrazzjoni tal-idrokarburi fi żmien ħames snin mid-data tal-awtorizzazzjonijiet, fit-22 ta' Diċembru 2005, il-Ministru kompetenti kkonkluda ftehim ta' estensjoni ("il-ftehim tal-2005") ma' MOL. Il-ftehim tal-2005 ippreveda tariffa ta' estensjoni kkalkulata fuq bażi annwali sal-2020 billi uża t-tariffa tal-estrazzjoni minerarja oriġinali ta' 12 % u multiplikatur li jvarja bejn 1,020 u 1,050.

(4) Fuq il-bażi tal-emenda tal-Att dwar il-Minjieri li daħal fis-seħħ fit-8 ta' Jannar 2008, it-tariffa tal-estrazzjoni minerarja għall-awtorizzazzjonijiet ta' estrazzjoni tal-idrokarburi żdiedet minn 12 % għal 30 % tal-valur tal-minerali estratti ([5]) ("l-emenda tal-2008 tal-Att dwar il-Minjieri"). Iż-żieda fit-tariffa ma kinitx applikabbli għal dawk l-operaturi li l-awtorizzazzjonijiet tal-estrazzjoni minerarja tagħhom kienet ġiet estiża preċedentement.

([1]) ĠU C 74, 28.3.2009, p. 63.
([2]) *1993. évi XLVIII. Törvény a bányászatról* (Att Nru XLVIII tal-1993 dwar il-Minjieri).
([3]) Il-konċessjonijiet jirrigwardaw l-hekk imsejħa "żoni magħluqin" meqjusin bħala rikki fil-minerali u prezzjużi ħafna. Il-konċessjonijiet jingħataw mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-offerenti li jirbħu l-kuntratt wara proċedura miftuħa tal-offerti.
([4]) L-awtorizzazzjonijiet jirrigwardaw l-hekk imsejħa "żoni magħluqin" meqjusin bħala rikki fil-minerali u prezzjużi ħafna. L-awtorizzazzjonijiet ma jistgħux jiġu rifjutati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jekk l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi.
([5]) Din iż-żieda kkonċernat l-oqsma li tpoġġew fil-produzzjoni bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-1 ta' Jannar 2008.

### 1.2. **Ftuħ tal-Investigazzjoni Formali**

(5) Fit-13 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet li tniedi l-proċedura ta' investigazzjoni formali stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([6]) ("TFUE") fil-proċeduri stabbiliti mill-Ungerija li allegatament ikkostitwixxu għajnuna mill-Istat favur MOL. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2009 rigward il-kawża SA.24571 (ex C 1/09; ex NN 69/08) ("id-deċiżjoni ta' ftuħ") ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-28 ta' Marzu 2009 ([7]).

(6) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ il-Kummissjoni esprimiet it-tħassib tagħha dwar jekk is-sekwenza kkombinata ta' azzjonijiet li ħadet l-Ungerija wasslux għal vantaġġ selettiv li ngħata lil MOL. Is-sekwenza ta' azzjonijiet kienet komposta minn żewġ elementi: il-ftehim tal-2005 u l-emenda tal-2008 tal-Att dwar il-Minjieri. Fil-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Ungeriżi trattaw lil MOL b'mod aktar favorevoli mill-kompetituri tagħha li joperaw taħt l-istess reġim ta' awtorizzazzjoni.

### 1.3. **Għeluq tal-Investigazzjoni Formali**

(7) Permezz tad-Deċiżjoni 2011/88/UE tagħha ([8]) dwar l-għajnuna mill-Istat SA.24571 (ex C 1/09; ex NN 69/08) li ngħatat mill-Ungerija lil MOL ("id-deċiżjoni kkontestata"), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura favur MOL, jiġifieri l-kombinazzjoni tal-ftehim tal-2005 u l-emenda tal-2008 tal-Att dwar il-Minieri, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li mhijiex kompatibbli mas-suq intern fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-Kummissjoni talbet li l-Ungerija tirkupra l-għajnuna minn MOL sabiex terġa' tistabbilixxi s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel ma ngħatat ([9]).

### 1.4. **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2013 fil-Każ T-499/10, *MOL NYRT vs il-Kummissjoni Ewropea***

(8) Wara azzjoni minn MOL, bis-sentenza tagħha tat-12 ta' Novembru 2013 fil-Każ T-499/10 ([10]), il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata fuq il-bażi li s-selettività tal-miżura ma kinitx ġiet stabbilita.

(9) Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ftehim tal-2005 ma kienx selettiv. Il-Qorti Ġenerali stabbiliet li l-ambitu tad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet Ungeriżi ppermettielhom li jippreżervaw trattament ugwali bejn il-kumpaniji tal-minjieri f'sitwazzjoni paragunabbli. Għaldaqstant, fid-dawl tal-Qorti Ġenerali, jekk il-kundizzjonijiet li huma esterni għall-ftehim li ma ġiex involut fl-għajnuna mill-Istat jinbidlu aktar tard b'tali mod li l-parti għal dan il-ftehim tkun f'pożizzjoni vantaġġuża fil-konfront ta' operaturi oħrajn li ma kkonkludewx ftehim simili, dan ma jkunx biżżejjed biex il-ftehim u l-modifika sussegwenti tal-kundizzjonijiet esterni ta' dak il-ftehim jitiqesu bħala li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

### 1.5. **Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2015 fil-Kawża C-15/14 P, *il-Kummissjoni Ewropea vs MOL Nyrt.***

(10) Permezz tas-sentenza tagħha tal-4 ta' Ġunju 2015 fil-Kawża C-15/14 P ([11]), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u annullat id-deċiżjoni kkontestata.

(11) Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-valutazzjoni tal-Qorti Ġenerali li n-natura selettiva tal-ftehim tal-2005 ma kinitx stabbilita u li l-kombinazzjoni tal-ftehim tal-2005 u tal-emenda tal-2008 tal-Att dwar il-Minjieri ma setgħetx tiġi kategorizzata bħala miżura unika ta' għajnuna mill-Istat għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

---

([6]) ĠU C 115, 9.5.2008, p. 92.

([7]) Ara n-nota' ta' qiegħ il-paġna 1.

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/88/UE tad-9 ta' Ġunju 2010 dwar l-għajnuna mil-Istat C 1/09 (ex NN 69/08) mogħtija mill-Ungerija lil MOL Nyrt. (ĠU L 34, 9.2.2011, p. 55).

([9]) L-ammont li kellu jiġi rkuprat kien ta' HUF 28 444,7 miljun għall-2008 u HUF 1 942,1 miljun għall-2009. Għall-2010, fir-rigward tal-pagamenti tat-tariffi tal-estrazzjoni minerarja li diġà saru, l-ammont li kellu jiġi rkuprat kellu jiġi kkalkulat mill-Ungerija, bl-istess mod bħal għall-2008 u għall-2009, sakemm il-miżura ġiet abolita.

([10]) Il-Kawża T-499/10 *MOL* vs *il-Kummissjoni*, EU:T:2013:592.

([11]) Il-Kawża C-15/14 *Il-Kummissjoni* vs *MOL*, EU:T:2015:362.

(12) Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li hemm differenza fundamentali bejn il-valutazzjoni tas-selettività ta' skemi ġenerali għall-eżenzjoni jew għall-ħelsien li skont id-definizzjoni jikkonferixxu vantaġġ u l-valutazzjoni tas-selettività ta' dispożizzjonijiet fakultattivi tal-liġi nazzjonali li tippreskrivi l-impożizzjoni ta' ħlasijiet addizzjonali. F'każijiet fejn l-awtoritajiet nazzjonali jimponu ħlasijiet addizzjonali sabiex iżommu trattament indaqs bejn l-operaturi, is-sempliċi fatt li dawn l-awtoritajiet igawdu minn setgħa diskrezzjonali ddefinita bil-liġi, u mhijiex limitata, ma jistax ikun biżżejjed biex jistabbilixxu li l-iskema li tikkorrispondi hija selettiva.

(13) Għar-raġuni msemmija hawn fuq, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-każ jista' jkun distint minn każijiet li fihom l-eżerċizzju ta' dan il-marġini huwa marbut mal-għotja ta' vantaġġ favur operatur ekonomiku speċifiku ([12]).

(14) Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikkjarat li l-qafas ġuridiku li bih l-awtoritajiet nazzjonali jimponu ħlasijiet addizzjonali sabiex iżommu trattament indaqs bejn l-operaturi jista' jitqies biss bħala selettiv jekk l-awtoritajiet nazzjonali, waqt li jeżerċitaw il-marġini ta' valutazzjoni tagħhom, jiffavorixxu ċerti operaturi mingħajr l-ebda raġuni oġġettiva.

(15) Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda evidenza li l-awtoritajiet Ungeriżi, meta eżerċitaw is-setgħa tagħhom biex iżidu t-tariffi tal-estrazzjoni minerarja fil-każ ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni, trattaw lil MOL b'mod mhux ġustifikat u favorevoli ([13]).

(16) Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-qafas ġuridiku li jirregola l-konklużjoni tal-ftehimiet tal-estensjoni ma jistax jitqies bħala selettiv f'dan il-każ.

(17) B'referenza għas-sekwenza kkombinata ta' azzjonijiet li jikkostitwixxu miżura unika ta' għajnuna mill-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-ġurisprudenza billi ddikjarat li miżura unika ta' għajnuna mill-Istat tista' tikkonsisti f'elementi kkombinati bil-kundizzjoni li, fir-rigward tal-kronoloġija tagħhom, l-iskop tagħhom u ċ-ċirkustanzi tal-impenn fil-ħin tal-intervent tagħhom, huma marbutin ħafna ma' xulxin tant li huma inseparabbli minn ma' xulxin ([14]).

(18) Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li ż-żieda fit-tariffi tal-estrazzjoni minerarja, li daħlet fis-seħħ fl-2008, seħħet f'kuntest ta' żieda fil-prezzijiet internazzjonali taż-żejt grezz, jiġifieri l-Istat eżerċita s-setgħa regolatorja tiegħu b'mod oġġettivament ġustifikat wara evoluzzjoni tas-suq. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-ftehim tal-2005 kien ġie konkluż b'antiċipazzjoni tal-emenda tal-2008 ([15]).

(19) Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda rabta kronoloġika u/jew funzjonali bejn il-ftehim tal-2005 u l-emenda tal-2008 tal-Att dwar il-Minjieri li setgħet tippermettilhom li jiġu interpretati bħala miżura unika ta' għajnuna mill-Istat.

## 2. **PROĊEDURA**

(20) Fid-dawl tas-sentenza ta' annullament tad-deċiżjoni kkontestata mill-Qorti, il-proċedura ta' investigazzjoni formali għadha miftuħa. Fil-fatt, la l-Qorti Ġenerali u lanqas il-Qorti tal-Ġustizzja ma qiesu li d-deċiżjoni tal-ftuħ f'dan il-każ kienet vizzjata b'xi żball. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni finali li tirrimedja d-difetti identifikati mill-Qrati tal-UE.

## 3. **VALUTAZZJONI**

(21) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jipprevedi li kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern. Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi. Jekk waħda minnhom ma tkunx issodisfata, il-miżura inkwistjoni ma tikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

([12]) Is-sentenza fil-Kawża C-15/14 P; ara n-nota f'qiegħ il-paġna 11 aktar 'il quddiem; il-paragrafi 64, 65 u 69.
([13]) Is-sentenza fil-Kawża C-15/14 P; ara n-nota f'qiegħ il-paġna 11 aktar 'il quddiem; il-paragrafi 66 u 69.
([14]) Is-sentenza fil-Kawża C-15/14 P; ara n-nota f'qiegħ il-paġna 11 aktar 'il quddiem; il-paragrafu 92.
([15]) Is-sentenza fil-Kawża C-15/14 P; ara n-nota f'qiegħ il-paġna 11 aktar 'il quddiem; il-paragrafi 96 u 98.

(22) Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, huwa xieraq li l-valutazzjoni tal-kundizzjoni tas-selettività tiġi limitata.

### 3.1. **Selettività**

(23) Sabiex titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun speċifika jew selettiva fis-sens li tiffavorixxi biss ċerti impriżi jew ċerti produtturi.

(24) Kif spjegat aktar 'il quddiem fil-premessi 12 u 13, it-Taqsima 26/A (5) tal-Att dwar il-Minjieri ma tikkostitwix skema ġenerali għal eżenzjoni jew ħelsien ipprovduti għal ċerti impriżi. Għall-kuntrarju, dan jippermetti li l-awtoritajiet Ungeriżi jimponu tariffa ogħla ta' estensjoni għall-estensjoni ta' awtorizzazzjonijiet ta' estrazzjoni minerarja. L-istess patti u kundizzjonijiet huma applikati għall-operaturi kollha f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli.

(25) Kif spjegat aktar 'il quddiem fil-premessi 14 u 15, ma hemm l-ebda evidenza ta' trattament favorevoli mhux ġustifikat ta' MOL mill-awtoritajiet Ungeriżi fir-rigward ta' kwalunkwe operatur ieħor li seta' kien potenzjalment f'sitwazzjoni paragunabbli. Il-fatt li l-awtoritajiet Ungeriżi igawdu ċertu livell ta' diskrezzjoni li huwa definit bil-liġi iżda mhuwiex limitat meta tiġi ffissata t-tariffa ta' estensjoni ma jistax ikun suffiċjenti sabiex jistabbilixxi li l-qafas ġuridiku stabbilit skont it-Taqsima 26/A (5) tal-Att dwar il-Minjiera huwa selettiv.

(26) B'referenza għall-effetti kkombinati tal-ftehim tal-2005 u tal-emenda tal-2008 dwar l-Att dwar il-Minjieri, il-Kummissjoni tinnota li, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżura unika ta' għajnuna mill-Istat tista' tikkonsisti f'elementi kkombinati bil-kundizzjoni li, fir-rigward tal-kronoloġija tagħhom, l-iskop tagħhom u ċ-ċirkustanzi tal-impenn fil-ħin tal-intervent tagħhom, huma marbutin ħafna ma' xulxin tant li huma inseparabbli minn ma' xulxin ([16]).

(27) Madankollu, f'dan il-każ, kif deskritt aktar 'il quddiem fil-premessa 18, ma hemm l-ebda evidenza li l-Ungerija ffirmat il-ftehim tal-2005 waqt li dak iż-żmien diġà kellha l-ħsieb li sussegwentement iżżid it-tariffa tal-estrazzjoni minerarja għad-detriment ta' operaturi oħrajn tas-suq diġà preżenti fis-suq fid-data meta l-ftehim ġie ffirmat jew ta' operaturi ġodda. Iż-żieda fit-tariffi ta' estrazzjoni minerarja imposta fuq il-bażi tal-emenda tal-2008 tal-Att dwar il-Minjieri seħħet f'kuntest ta' żieda fil-prezzijiet internazzjonali.

(28) Għaldaqstant, kif deskritt aktar 'il quddiem fil-premessa 19, ladarba ma hemm l-ebda rabta kronoloġika u/jew funzjonali bejn il-ftehim tal-2005 u l-emenda tal-2008 tal-Att dwar il-Minjieri, dawn ma jistgħux jiġu interpretati bħala miżura unika ta' għajnuna mill-Istat.

### 3.2. **Konklużjoni dwar il-valutazzjoni**

(29) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il quddiem, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sekwenza ta' azzjonijiet imwettqa mill-Ungerija, jiġifieri l-ftehim ta' estensjoni tal-2005 u l-emenda sussegwenti tal-Att dwar il-Minjieri, ma kinux selettivi favur MOL.

(30) Meta wieħed iqis li s-sekwenza ta' azzjonijiet komposta fil-ftehim tal-2005 u l-emenda sussegwenti tal-Att dwar il-Minjieri mhijiex selettiva, mhuwiex neċessarju li jiġi vvalutat jekk jeżistux il-kundizzjonijiet l-oħrajn għall-għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

## 4. **KONKLUŻJONI**

(31) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-valutazzjoni mill-ġdid tal-għajnuna allegata li kienet l-oġġett tad-deċiżjoni ta' ftuħ twassal għall-konklużjoni li l-miżura favur MOL li qiegħda tiġi eżaminata, jiġifieri l-kombinazzjoni tal-ftehim tal-2005 tal-emenda tal-2008 tal-Att dwar il-Minjieri ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE,

([16]) Il-Kawżi Magħquda C-399/10 P u C-401/10 P *Bouygues SA u Bouygues Télécom vs il-Kummissjoni u oħrajn*, EU C 2013 175, il-paragrafi 103 u 104.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kombinazzjoni tat-tariffa fissa tal-estrazzjoni minerarja ddefinita fil-ftehim tal-estensjoni konkluż bejn l-Istat Ungeriż u MOL Nyrt. fit-22 ta' Diċembru 2005 u l-emendi sussegwenti tal-Att XLVIII tal-1993 dwar il-Minjieri ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat lil MOL Nyrt. fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lejn l-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

Margrethe VESTAGER

*Membru tal-Kummissjoni*

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT